# Punti mill-Messaġġ Finali tas-Sinodu tal-Isqfijiet

# fuq l-Evanġelizzazzjoni Ġdida għax-Tixrid tal-Fidi

Aħna l-isqfijiet tad-dinja kollha, miġbura fuq stedina ta' l-Isqof ta' Ruma ... biex nirriflettu fuq "l-evanġelizzazzjoni ġdida għat-trasmissjoni tal-fidi Nisranija ... qabel nerġgħu lura lejn il-Knejjes partikolari tagħna, irridu nduru fuqkom, biex insostnu u norjentaw is-servizz li qed jingħata lill-Vanġelu fid-diversi kuntesti li fihom illum qed nagħtu xhieda.

Paragrafu 1 - ***Bħas-Samaritana ħdejn il-bir***

a. M'hemmx raġel jew mara li, f'ħajjithom, ma jsibux ruħhom, bħas-Samaritana.
b. Illum ħafna huma l-bjar li jidhru li jistgħu jaqtgħu l-għatx tal-bniedem.
c. Jaqbel li wieħed jiddixxerni biex jevita ilmijiet imdardra - biex ma jisfax vittma ta' delużjonijiet.
d. Wara li tilqa' x-xhieda n-nies tgħaddi għall-esperjenza personali.. "Mhux għax għidtilna int...."

Paragrafu 2 - ***Evanġelizzazzjoni ġdida***

a. Urġenza fir-reġjuni kollha tad-dinja li nwasslu lill-bnedmin ta' żmienna għand Ġesù.
b. Bżonn li tiġi mġedda din il-fidi li qed tirriskja li tisfa mitfija.
c. Mhux nibdew mill-ġdid, imma nidħlu iżjed b'ruħna u b'ġisimna fl-Evanġelizzazzjoni.
d. Ngħixu b'mod ġdid l-esperjenza komunitarja tal-fidi u t-tħabbira tal-Vanġelu.

Paragrafu 3 - ***Il-laqgħa personali ma' Ġesù Kristu fil-Knisja***

a. Ngħidulkom b'konvinzjoni li l-fidi tissawwar fir-relazzjoni li nibnu ma' Ġesù.
b. Evanġelizzazzjoni ġdida tikkonsisti f'li nipproponu mill-ġdid lill-qalb u lill-moħħ, il-ġmiel u n-novità dejjiema tal-laqgħa ma' Kristu. U dan l-ewwel lilna nfusna.

c. Nistednukom ilkoll tikkontemplaw il-wiċċ ta' Sidna Ġesù Kristu.

d. Il-Knisja hi dak l-ispazju li Kristu offra biex nistgħu niltaqgħu miegħu – Għalhekk fdalna l-Kelma, l-Magħmudija, Ġismu u Demmu, is-Sagrament tar-Rikonċiljazzjoni, il-komunjoni (mera tat-Trinità, u l-qawwa tal-Ispirtu li toħloq l-imħabba lejn kulħadd.

e. Jeħtieġ niffurmaw komunitajiet akkoljenti, fejn dawk li jħossuhom imwarrba jsibu d-dar tagħhom, esperjenzi konkreti ta' komunjoni, li, bil-qawwa mħeġġa tal-imħabba.

f. Il-ġmiel tal-fidi hemm bżonn li jilma, b'mod partikulari, fl-għemejjel tal-Liturġija mqaddsa, l-ewwel u qabel kollox fl-Ewkaristija ta' nhar ta' Ħadd.

g. Minna jonqos li nagħmlu konkretament aċċessibbli l-esperjenzi ta' Knisja. Nkattru l-bjar li lejhom nistiednu lill-bnedmin jersqu għatxana u nlaqqgħuhom ma' Ġesù.

Paragrafu 4 - ***L-okkażjonijiet ta' laqgħa ma' Ġesù u s-smigħ ta' l-Iskrittura***.

a. Kif jista' jseħħ dan kollu? Mhux il-każ li nivvintaw strateġiji ġodda imma niskopru mill-ġdid il-mod kif, fl-istorja ta' Ġesù, tant persuni resqu lejh u ġew imsejħa minnu, biex inħaddmu dawk l-istess modalitajiet fil-kundizzjonijiet ta' żmienna. Mill-paġni tal-vanġeli, nsibu kif il-ħajja tal-persuni, fl-aktar kundizzjonijiet differenti, infetħet għall-preżenza ta' Kristu. (Eż. Żakkew mill-kurżita mexa għall-entużjażmu.)

b. Fid-dimensjonijiet l-iktar profondi tal-ħajja tal-bniedem: il-familja, ix-xogħol, il-ħbiberija, il-faqar u l-provi tal-ħajja, u l-bqija.

Paragrafu 5 – ***Nevanġelizzaw lilna nfusna u ninfetħu għall-konverżjoni***

a. Niżbaljaw jekk naħsbu li l-evanġelizzazzjoni ġdida ma tolqotx lilna fl-ewwel post. Il-Knisja jeħtieġ qabel xejn toqgħod hi tisma' l-Kelma. Nikkonvertu lilna nfusna u nħallu li ninħakmu minn Kristu.

b. Nagħrfu li l-faqar u d-dgħufijiet tad-dixxipli ta' Ġesù, speċjalment tal-ministri tiegħu. Nagħrfu l-vulnerabbiltà tagħna u d-dnubiet personali tagħna.

c. Imma b'qawwa u ċ-ċertezza li l-ħażen mhu sa jkollu qatt l-aħħar kelma, la fil-Knisja u lanqas fl-istorja.

<u>Paragrafu 6</u> – ***Naħtfu fid-dinja tallum opportunitajiet ġodda ta' evanġelizzazzjoni***

a. Ma nħossuniex imbeżżgħa mill-kundizzjonijiet taż-żminijiet li qed ngħixu fihom. M'hemmx spazju għall-pessimiżmu. Hemm quddiemna diversi problemi, imma dawn ma jbeżżgħuniex.

b. Opportunitajiet mid-diffikultajiet:-

- Globalizzazzjoni opportunita biex inxerrdu iktar il-preżenza tal-Vanġelu.
- L-emigrazzjoni hi okkażjoni ta' tixrid tal-fidi u tal-komunjoni.
- Is-sekularizzazzjoni titolb mill-Knisja li tikkunsidra mill-ġdid il-preżenza tagħha fis- soċjetà, mingħajr imma ma tirrinunzjaha.
- Forom ġodda ta' faqar jiftħu spazji ġodda għal-karità u x-xandir tal-Vanġelu.
- Fl-ateiżmu u anjostiċiżmu nilmħu nostalġija, stennija għal tweġiba adegwata.

<u>Paragrafu 7</u> – ***Evanġelizzazzjoni, familja u ħajja kkonsagrata***

a. Il-familja hija l-post naturali tal-evanġelizzazzjoni.

b. Bi rwol speċjali mħaddan min-nisa u bir-responsabiltà tal-missier.

c. Familja tinvesti fit-trobbija tat-tfal – is-sinjali tal-fidi, il-komunikazzjoni tal-ewwel veritajiet, l-edukazzjoni għat-talb, u x-xhieda tal-imħabba.

d. Fit-tħabbira tal-Vanġelu, il-Knsja għandha r-responsabiltà li tgħin ill-familji billi toffrilhom sostenn fil-missjoni edukattiva tagħhom.

e. Il-familja, mwaqqfa fuq żwieġ bejn raġel wieħed u mara waħda u li hu miftuħ għall-ħajja, kullimkien qed tħabbat wiċċha ma' fatturi ta' kriżi, illum hija

żvantaġġata u traskurata fis-soċjetà. Hu propju dan, imma, li jistimulana biex ikollna għożża partikulari għall-familja.

f. Dwar koppji li jgħixu flimkien mingħajr ir-rabta sagramentali taż-żwieġ: Il-komunitajiet Kattoliċi għandhom jilqgħuhom u jsostnuhom anke jekk ma jistgħux jirċievu l-assoluzzjoni sagramentali u l-Ewkaristija.

g. Is-Sinodu wera gratitudni għall-fedeltà ta' dawk f'ħajja konsagrata. Lilhom ukoll eżortazzjoni għat-tama f'sitwazzjonijiet xejn faċli anki għalihom f'dawn iż-żminijiet ta' bidla, u stedina biex jikkonfermaw ruħhom bħala xhieda u ħabbâra ta' evanġelizzazzjoni ġdida.

Paragrafu 8 – ***Il-komunitajiet ekkleżjali u l-ħafna ħaddiema ta' l-evanġelizzazzjoni***

a. Il-ħidma ta' evanġelizzazzjoni mhix il-missjoni ta' xi ħadd fil-Knisja, imma tal-komunitajiet ekkleżjali bħala tali.

b. Dawn il-komunitajiet huma il-post fejn wieħed għandu aċċess għall-milja ta' l-istrumenti tal-laqgħa ma' Ġesù: il-Kelma, is-sagramenti, il-komunjoni bejn l-aħwa, is-servizz tal-karità, il-missjoni.

c. Il-parroċċa għandha rwol li tkun il-preżenza tal-Knisja fit-territorju fejn jgħixu l-bnedmin.

d. Nitolbu lill-parroċċi tagħna biex flimkien mal-kura pastorali tradizzjonali tal-poplu ta' Alla, jagħmlu użu mill-forom ġodda ta' missjoni mitluba mill-evanġelizzazzjoni ġdida.

e. Is-saċerdoti mħeġġa għal rabtiet aktar stretti fil-presbiterju djoċesan, għal ħajja spiritwali dejjem iktar intensa, għal formazzjoni permanenti li tħejjihom sew biex jaffrontaw il-bidliet.

f. Lid-djakni, katekisti, u lil dawk f'ministeri oħra mitluba l-preżenza u s-servizz tagħhom fil-Knisja fl-ottika ta' l-evanġelizzazzjoni ġdida, billi jfittxu li jxettlu fihom il-formazzjoni umana u Nisranija, l-għarfien tal-fidi u s-sensibbiltà għall-fenomeni kulturali ta' żminijietna.

g. L-għaqdiet tal-lajċi msejħa għall-fedeltà lejn il-karizma tagħhom u għal komunjoni ekkleżjali konvinta, fil-forma attwali tagħhom fil-kuntest konkret tal-Knejjes partikulari.

Paragrafu 9 – ***Biex iż-żgħażagħ jistgħu jiltaqgħu ma' Kristu***

a. Dwar iż-żgħażagħ il-ħarsa ta' l-Isqfijiet hi mħassba imma mhux pessimista. Imħassba għax propju fuqhom jagħfsu l-pressjonijiet l-aktar aggressivi taż-żminijiet.
b. Irridu nsostnuhom fit-tiftix tagħhom.
c. Jħeġġu lill-komunitajiet tagħna biex jidħlu mingħajr riservi f'perspettiva ta' smigħ, ta' djalogu u ta' proposta kuraġġjuża fil-kundizzjoni diffiċli taż-żgħażagħ.
d. Irridu nifdu u mhux jeqirdu, il-qawwa ta' l-entużjażmu tagħhom.
e. Għandna nagħrfu r-rwol attiv taż-żgħażagħ fil-ħidma ta' l-evanġelizzazzjoni, fuq kollox fl-istess dinja tagħhom.

Paragrafu 10 – ***Il-Vanġelu fi djalogu mal-kultura u l-esperjenza umana u mar-reliġjonijiet***

a. L-orizzonti tal-Evanġelizzazzjoni Ġdida huma wiesgħa daqs id-dinja u ma jingħalqu quddiem l-ebda esperjenza tal-bniedem.
b. Il-Knisja trid tikkultiva b'għożża partikulari d-djalogu mal-kulturi, fiduċjuża li tista' ssib f'kull waħda minnhom iż-"żerriegħa tal-Verb".
c. Hemm bżonn ta' patt imġedded bejn il-fidi u r-raġuni, b'konvinzjoni li l-fidi tista' tilqa' kull frott ta' raġuni sana miftuħa għat-traxxendenza u għandha l-qawwa li tfejjaq il-limitazzjonijiet u l-kontradizzjonijiet li fihom tista' taqa' l-istess raġuni.
d. Jun mogħti ħsieb partikulari lill-iskejjel u universitajiet Kattoliċi.
e. Attenzjoni sħiħa lid-dinja tal-komunikazzjonijiet soċjali, post fejn spiss jiġu ffurmati l-kuxjenzi u jiġu artikulati ż-żminijiet u l-kontenuti ta' l-esperjenzi tal-ħajja. Din hi opportunità ġdida biex nistgħu nilħqu l-qalb tal-bniedem.

f. Isir djalogu mal-għarfien xjentifiku li hu wirja tal-prinċipju spiritwali li Alla qiegħed fil-ħlejjaq.

h. L-arti fid-diversi forom tagħha hi triq partikularment effikaċi fl-evanġelizzazzjoni ġdida.

i. Lid-dinja tal-ekonomija u tax-xogħol nfakkruha kif mill-Vanġelu jnixxu sejħat biex teħles lix-xogħol minn dawk il-kundizzjonijiet li jagħmluh toqol.

j. Ngħinu persuni morda jew b'diżabbiltà jħossu lill-Knisja qrib tagħhom, u nuru gratitudni lejn dawk kollha li jaħdmu bi professjonalità u umanità biex jieħdu ħsiebhom.

k. Mistennija xhieda ċara minn dawk l-Insara fil-politika, billi jgħixu l-preċett tal-karità. Minnhom mitlub impenn ta' ħarsien diżinteressat u trasparenti tal-ġid komuni, f'rispett lejn id-dinjità sħiħa tal-persuna umana, mit-tnissil tagħha sat-tmiem naturali; tal-familja mwaqqfa fuq iż-żwieġ bejn raġel u mara, tal-libertà edukattiva; fil-promozzjoni tal-libertà reliġjuża; fit-tneħħija ta' kawżi ta' inġustizzja, inugwaljanza, diskriminazzjoni, razziżmu, vjolenzi, ġuħ u gwerra.

l. Fir-relazzjoni ma' reliġjonijiet oħra - Nevanġelizzaw għax konvinti mill-verità ta' Kristu, u mhux kontra xi ħadd.

m. Dan id-djalogu mar-reliġjonijiet ikun kontribut għall-paċi għax kollha huma qrib fit-talb u fil-fraternità lejn l-aħwa li qed ibatu.

Paragrafu 11 – ***Sena tal-Fidi, Konċilju Vatikan II u Katekiżmu tal-Knisja Kattolika***

a. Fl-evanġelizzazzjoni ġdida kultant nistgħu anki nħossuna bħal f'deżert, imdawrin mill-perikli u neqsin minn kull punt ta' riferiment.

b. Naraw deżertifikazzjoni' spiritwal, imma minn dan il-vojt nistgħu niskopru mill-ġdid il-ferħ tal-fidi, l-importanza vitali tagħha. Fid-deżert tiskopri l-valuri ta' dak li hu essenzjali biex tgħix.

c. Dawn l-anniversarji li qed infakkru jippermettulna nikkonfermaw l-adeżjoni soda tagħna għat-tagħlim tal-Konċilju u l-impenn konvint tagħna biex nissoktaw bit-twettiq sħiħ tiegħu.

Paragrafu 12 – ***Fil-kontemplazzjoni tal-misteru u qrib il-foqra***

Żewġ espressjonijiet tal-ħajja tal-fidi li jidhrulna ta' rilevanza partikulari biex nistgħu nagħtu xhieda tagħna fl-evanġelizzazzjoni ġdida joħorġu ...

a. l-ewwel mill-esperjenza tal-kontemplazzjoni tal-misteru ta' Alla u bis-silenzju fit-talb li jista' jżomm il-kelma tas-salvazzjoni milli tiġi mfixkla mal-ħafna ħsejjes li jinvaduha; u

b. it-tieni mill-wiċċ tal-fqir. Li noqogħdu qrib min ġie miġruħ mill-ħajja mhux sempliċement eżerċizzju soċjali, imma qabel xejn fatt spiritwali.

Paragrafu 13 – ***Kelma lill-Knejjes tad-diversi reġjuni tad-dinja***

Is-Sinodu kellu wkoll kelma individwali lill kull waħda mill-Knejjes kattoliċi tal-Lvant, tal-Afrika, tal-Amerika ta' Fuq, tal-Amerika Latina u tal-Karibew, lill-Insara tal-Asja, lill-Knejjes tal-Kontinent Ewropew u lill-popli tal-Oċeanja.

Paragrafu 14 – ***Il-kewkba ta' Marija ddawwal id-deżert***

L-Isqfijiet temmew il-messaġġ billi raddew ħajr lil Alla tal-esperjenza li għixu tul is-Sinodu bil-kliem ta' Marija fil-Magnificat, b'ċertezza li Alla mhux sa jonqos li jixħet ħarstu lejn il-ċokon tagħna biex juri l-qawwa ta' driegħu anki fi żminijietna, biex iqawwina fil-mixja ta' l-evanġelizzazzjoni ġdida.

Il-figura ta' Marija torjentana fil-mixja tagħna. Din il-mixja, kif qalilna Benedittu XVI, tista' tidhrilna bħal waħda fid-deżert; nafu li rridu nterrquha billi nġorru magħna biss dak li hu essenzjali: il-kumpanija ta' Ġesù, il-verità tal-kelma tiegħu, il-ħobż Ewkaristiku li jmantnina, il-fraternità tal-komunjoni ekkleżjali, u l-ħeġġa tal-karità. U l-ilma tal-bir li jwarrad id-deżert. U, bħalma f'lejl fid-deżert il-kwiekeb jixegħlu iżjed, hekk is-sema tul il-mixja tagħna jiddi bil-qawwa tad-dawl ta' Marija, Kewkba tal-evanġelizzazzjoni ġdida, li f'idejha, kollna fiduċja, nafdaw ruħna.